## QORTI CIVILI PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 9 ta' April, 2019**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 746/2017**

**Erremme Business Advisors Limited**

**vs**

**Databyte Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-11 ta' Awwissu, 2017 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpanija rikorrenti kienet espremiet interess fis-servizzi offruti mill-kumpanija intimata relattivi ghall-holqien u ghall-implimentazzjoni ta' web-based 'Timsheets & Billing System for professional services operations', u dan sabiex jigi iffacilitat l-irrekordjar u l-hazna tal-hin konness max-xoghlijiet ezegwiti mill-impjegat taghha, kif ukoll il-process relattiv ghall-kalkolu tal-kontijiet relattivi.

2. Illi, ghaldaqstant, il-kumpanija rikorrenti kienet talbet u otteniet proposta formali f'dan ir-rigward, datata erbatax ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (14.11.2012) ('Quotation No. 3843'), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. EBA1', liema kwotazzjoni giet sussegwentement riveduta u emendata in vista htigijiet specifici tal-kumpanija rikorrenti stess, u dan kif jirrizulta mill-kwotazzjonijiet riveduti, ossia dawk bin-numri '3843A' u '3843B', datati sitta ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (06.12.2012) ('Dok. EBA2') u tmienja ta' Jannar elfejn u telttax (08.01.2013) ('Dok. EBA3') rispettivament.

3. Illi tali kwotazzjonijiet kienu jipprovdu ghal tliet stadji ewlenin relattivi ghall-implimentazzjoni tas-sistema in kwistjoni, ossia fazi ta' analizi, fazi ta' zvillupp u fazi relattiva ghall-implimentazzjoni nfisha tas-sistema, ossia l-qalba tas-software relattiv ghal 'live environement'.

4. Illi, kif jirrizulta mill-kwotazzjonijiet surreferiti stess ('Dok. EBA1' - Dok. EBA3'), dawn kienu ippreparati minn Vincent Ciantar, li dak iz-zrnien kien impjegat mal-kumpanija intimata, li kien responsabbli ghall-implimentazzjoni tas-sistema in kwistjoni, kif ukoll li jaqdi l-funzjoni ta' rapprezentant taghha ghar-rigward tal-istess progett. Minn informazzjoni li ghandha l-kumpanija rikorrenti, Vincent Ciantar ma ghandu l-ebda kwalifiki relattivi ghal xoghol ta' accounts jew ta' awditjar, ossia tal-linja professjonali tal-kumpanija rikorrenti.

5. Illi l-kontenut tal-kwotazzjoni bin-numru '3834B' ('Dok. EBA3') gie approvat mill-kumpanija rikorrenti nhar il-wiehed u tletin ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (31.01.2013), u dan kif jirrizulta mill-korrispondenza relattiva, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. EBA4'.

6. Illi, sussegwentement, il-kumpanija intimata forniet lill-kumpanija rikorrenti b'timeline kontenenti indikazzjoni cara tad-dati relattivi ghall-implimentazzjoni tas-sistema in kwistjoni, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. EBA5', u dan b'konsegwenza u ai termini tal-ftehim surreferit. Id-data sa meta is-sistema kellha tigi implimentata giet indikata mill-kumpanija intimata bhala t-tlieta ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (03.07.2013).

7. Illi, madankollu, meta bdiet toqrob din id-data, l-kumpanija rikorrenti giet infurmata li dan il-ftehim ma kienx se jigi onorat minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-kumpanija intimata, u dan kif jirrizulta mill-korrispondenza datata sebgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (27.06.2013), kopja ta’ liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. EBA6'. Dan, minkejja l-oppozizzjoni tal-kumpanija rikorrenti li kienet spjegat li tali dewmien kien se jikkreja pregudizzju ghas-sistema ta' billing taghha, senjatament in vista tal-pjanijiet u tal-aspettativi taghha abbazi tad-dati indikati fit-timeline relattiva ('Dok. EBA5'), u dan kif jirrizulta mill-korrispondenza hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. EBA7'.

Tali inadempjenza giet segwita b'iktar skuzi da parti tal-imsemmi Vincent Ciantar, kif ukoll b'dewmien intollerabbli ghall-kumpanija rikorrenti in vista tal-inkonvenjent u tal-pregudizzju li hi kienet qed issoffri b'konsegwenza tal-inadempjenza u tal-intransigenza tal-kumpanija intimata li twettaq l-obbligi kuntrattwali taghha ('Dok. EBA8'-'Dok. EBA15', kemm ghar-rigward tan-nuqqasijiet tal-kumpanija intimata li tipprovdi dak attwalment miftiehem skond l-ispecifikazzjonijiet pattwiti u skond l-arti u s-sengha, kif ukoll ghar-rigward tad-dewmien esagerat innifsu.

8. Illi dan id-dewmien kien diga ipperdura ghal iktar minn sitt (6) xhur meta l-kumpannija rikorrenti kienet giet avzata li Vincent Ciantar kien ittermina l-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata u li l-ahhar jum tax-xoghol tieghu mal-istess kumpanija kien se jkun fl-ahhar ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014). Il-kumpanija rikorrenti giet infurmata wkoll li kien se jinghata handover lil rapprezentant iehor tal-kumpanija intimata ('Dok. EBA16'-'Dok. EBA18'), ossia lil Mark Cilia Vincenti li, minn informazzjoni li ghandha l-kumpanija rikorrenti, wkoll, ma ghandu l-ebda kwalifiki konnessi ma' xoghol ta' accounts jew ta' awditjar, ossia kwalifiki konnessi mal-linja professjonali tal-kumpanija rikorrenti, u dan kif ammess minnu stess ('Dok. EBA19').

9. Illi, sussegwentement, il-kumpanija rikorrenti kkonstatat numru ta' inkonsistenzi u ta' zbalji relattivi ghall-kalkolu tal-ammonti indikati fil-fatturi iggenerati bl-uzu tas-sistema in kwistjoni, liema nuqqasijiet sarrfu f'komputazzjonijiet zbaljati u fil-hrug ta' fatturi kontenenti ammonti li kienu inqas minn dawk attwalment dovuti lilha. Minn ezercizzju kondott sabiex jigu kkalkolati d-danni sofferti b'konsegwenza tal-istess zbalji fis-sistema, irrizulta telf ta': hamsa u ghoxrin elf u seba' mija u sittin ewro (€25,760.00) relattiv ghall-operat taghha fis-sena elfejn u tlettax (2013); hamsa u erbghin elf u sitt mija u erbgha u tletin ewro (€45,634.00) relattiv ghall-operat taghha fis-sena elfejn u erbatax (2014); u erbat elef u disa' mija u hamsa u tmenin ewro (€4,985.00) relattiv ghall-operat taghha waqt is-sena elfejn u hmistax (2015). Ghaldaqstant, l-ammont globali ta' telf soffert mill-kumpanija rikorrenti matul dawn it-tliet snin, bhala minimu, jammonta ghal sitta u sebghin elf, tliet mija u disgha u sebghin ewro (€76,379.00), u dan, minghajr ma jitqiesu d-danni materjali ulterjuri, kif ukoll dawk relattivi ghal telf ta' profitt, u dan kif se jirrizulta matul il-kors tal-kawza odjerna.

10. Illi, minkejja l-inadempjenza u l-intransigenza da parti tal-kumpanija intimata, kif ukoll it-telf li kien qed jigi soffert mill-kumpanija rikorrenti, l-istess kumpanija intimata xorta wahda, esigiet il-hlas ghas-servizzi provduti minnha permezz tal-hrug tal-fatturi relattivi, kif dettaljati fir-Rendikont hawn anness u mmarkata bhala 'Dok. EBA20'. Sad-data tal-imsemmi Rendikont, ossia sat-tletin ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (30.11.2015) l-ammont globali reklamat mill-kumpanija intimata kien dak ta' erbat elef, mitejn u tlieta u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€4,273.42).

11. Illi, in vista tal-inadempjenza u tal-intransigenza tal-kumpanija intimata li twettaq l-obbligi kuntrattwali taghha, l-kumpanija rikorrenti irrifjutat li thallas l-imsemmi ammont in vista tal-istess nuqqasijiet li huma pjenament a konoxxenza taghha. Fil-fatt, il-kumpanija intimata ma avvanzat l-ebda pretensjoni gudizzjarja fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti ghall-hlas ta' kwalunkwe ammont konness mas-servizzi pattwiti.

12. Illi, sussegwentement, il-kumpanija rikorrenti inkarigat ill Donald Tabone LL.M., B.Sc. (Hons) CHF1 sabiex jirredigi 'System Audit Report' relattiv ghall-operat u ghall-funzjonament innifsu tas-sistema implimentata mill-kumpanija intimata, liema Rapport huwa datat ghaxra ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (10.02.2017), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. EBA21'. F'dan ir-rigward, il-kumpanija rikorrenti zbursat l-ammont ta' seba' mija u sitta u disghin ewro (€796.50) ghas-servizzi professjonali relattivi, kif jirrizulta mir-ricevuta relattiva, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. EBA22'.

13. Illi, fl-imsernmi 'System Audit Report', gew ikkonstatati s-segwenti konkluzjonijiet:
It is therefore reasonable to deduce that
i. For a long time, the software was in fact operating inconsistently;
ii. The lack of a test site, caused all changes to be done on a live system, something which is not industry practice. Consequently, through no directly fault of theirs, the client suffered
1. Multiple business interruptions due to random software crashes/misconfigurations;
2. Consequential under-billing of their clients; and
3. A seemingly never-ending cycle of User Acceptance Testing that lasted 3 years.
iii. The client was not aware that these inconsistencies caused transactions or records to be partially saved;

iv. Through no fault of theirs, the client was not aware that the system they were using in production resulted in them underbilling their customers;
v. The client's requirements might not have been fully understood and articulated by the supplier; and that
vi. None of the issues they experienced are a direct result of the client's misuse of the system or hardware/network issues.

14. Illi, ghaldaqstant, fid-dawl tal-konkluzjonijiet surreferiti, kif ukoll il-bqija tal-konsiderazzjonijiet kontenuti fl-imsemmi Rapport, jirrizulta bic-car li l-kumpanija rikorrenti sofriet danni ingenti konsistenti f'danni materjali, kif ukoll f'telf ta' profitti, liema danni gew sofferti unikament b'konsegwenza tal-inesperjenza u tan-nuqqas ta' hila professjonali tal-kumpanija intimata li tezegwixxi l-obbligi kuntrattwali taghha skond l-arti u s-sengha.

15. Illi, minkejja li l-kumpanija intimata giet interpellata formalment sabiex taddivvjeni ghal-likwidazzjoni sofferti mill-kumpanija rikorrenti, u dan permezz ta' ittra gudizzjarja bin-numru 53/2016, pprezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-tmienja ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (08.01.2016), l-istess intimata baqghet inadempjenti, bil-konsegwenza li kellhom jigu istitwiti l-procedimenti gudizzjarji odjerni.

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet u tal-konsiderazzjonijiet suesposti, l-kumpanija rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun, joghgobha:

1) Tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta naqset milli tezegwixxi l-obbligi taghha skond l-arti u s-sengha ai termini ta' dak pattwit bejn il-partijiet, occorrendo bl-ghajnuna ta' Perit nominandi.

2) Tillikwida d-danni sofferti mill-kumpanija rikorrenti b'konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel (1) talba suesposta, occorrendo bl-ghajnuna ta' Perit nominandi.

3) Tikkundanna lill-kumpanija intimata sabiex thallas id-danni llikwidati b'konsegwenza tal-akkoljiment tat-tieni (2) talba suesposta, lill-kumpanija rikorrenti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-Ittra Ufficjali bin-numru 53/2016 u ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju mitlub kontestwalment ma' dan ir-Rikors Guramentat, bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv ta' kwalunkwe ammont illikwidat minn din l-Onorabbli Qorti kontra l-kumpanija intimata, u bl-ingunzjoni, minn issa, ta' rapprezentanti tal-kumpanija intimata ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

IIli hu direttur tal-kumpanija intimata u jaf il-fatti konsegwenzjalment ghal din il-kariga.

IIli t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi muri waqt is-smigh.

Illi fl-ewwel lok, ghad-danni li allegatament sehhew aktar lura minn sentejn, qed tigi eccepita formalment f'dan l-istadju l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-art. 2154 tal-Kap 16.

Illi fil-qosor, u mighajr pregudizzju, l-fatti rilevanti huma dawn:
Ghandu jinghad mill-ewwel illi s-software mertu tal-kawza ilu u ghadu jintuza mill-istess intimati ghal snin u dan minghajr it-tip ta' problemi li qed jghidu li sabu r-rikorrenti: fil-fatt, ir-rikorrenti kienu thajjru jakkwistaw dan is-software wara li raw kif jahdem ghand l-intimati.
L-ewwel kwotazzjoni biex is-software jigi suplit kien sar lejn l-ahhar tas-sena 2012, u l-kwotazzjoni kienet giet aggustata wara 'feedback' mir-rikorrenti biex eventwalment giet accettata f'Jannar 2013. Kif inhu normali, kien hemm numru ta' aggustamenti fil-prodott (mitlubin mir-rikorrenti) u dan gie 'delivered for User Acceptance Testing' (UAT) biex jigi mhaddem bi prova halli kull aggustament necessarju jsir qabel mal-programm imur 'live', lejn Lulju 2013.
Ghandu jinghad u jigi emfazizzat illi dan hu process normali specjalment meta si tratta software li mhuwiex 'off the shelf' - dan is-software partikolari, kif ga ntqal, jintuza sallum mill-intimati internament u minghajr problemi, izda mhux xi wiehed li jifforma parti mill-prodotti li normalment ibieghu.
Sa' Novembru 2013 giet ggenerata "snag and improvement list" biex jigu implementati diversi kambjamenti ohra fil-programm, li fl-umli fehma tal-intimati ghandu jindika illi r-rikorrenti kienu qeghdin attivament u pozittivament juzaw il-programm (fl-istat ta' 'testing') u jkejjluh kontra s-sistema li kellhom 'in place' f'dak iz-zmien halli jkun hemm 'assessment' komplet ta' dak li kien qed jaghmel il-programm u fejn hemm bzonn ta’ kambjamenti.
Minhabba l-aggustamenti necessarji, hafna minnhom mitluba mir-rikorrenti stess, il-UAT baqghet tigi estiza u l-intimati, ghandu jinghad f'dan l-istadju, qatt ma indikaw lir-rikorrenti illi l-prodott kien fi stat li jmur 'live'.
Biex dan isehh hu accettat (u ovvju) fl-industrija illi z-zewg nahat iridu jkunu sodisfatti illi l-prodott lest biex jibda jahdem. Qabel ma jkun hemm 'sign off' da parti tas-'supplier', ix-xerrej ma jistax jassumi illi l-prodott hu lest ghal kollox u dan is-'sign off' qatt ma sar min-naha tal-intimati.
Ghandu jinghad illi aggustament li talbu r-rikorrenti kien wiehed fondamentali. Il-prodott hu, bazikament, sistema ta' 'billing' u jahdem billi kull siegha li persuna taghmel taghti servizz lil-klijent partikolari jigi 'logged' bhala 'billable hour' kontra dan il-klijent. Ir-rikorrenti talbu illi din id-'default position' tigi mibdula biex qabel ma siegha tigi 'logged' kontra klijent, l-impjegat in kwistjoni jrid jindika illi din kienet 'billable hour' - jekk ma jaghmilx hekk dik is-siegha, filwaqt li tkun 'logged', ma tiggenerax kont.
Kif jigi spjegat, dan wassal ghal konfuzjoni.
Minn qisu Jannar/Frar 2014, waqt li l-prodott kien ghadu fl-istadju ta' UAT kif ga ntqal, il-kommunikazzjonijiet mar-rikorrenti saru difficli hafna u t-ton taghhom, specjalment meta kien involut Reuben Buttigieg, kien qieghed li ma jistax hlief jissejjah aggressiv u negattiv li sfortunatament ma wassalx ghal relazzjoni pozittiva u produttiva bejn il-partijiet.
Tant hu hekk, illi l-intimati ma setghux jaghtu 'input' sodisfacenti u ghalhekk il-prodott ma setghax hlief jithalla fl-istat li kien, cioe fil-process ta' UAT li pero ma setghax jaghmel progress minhabba l-attitudni tar-rikorrenti. Ghandu jigi innotat illi l-konsulent 'ex parte' Tabone stess jindika illi l-programm kien ghadu fi stat ta' UAT, meta jikkumenta dwar id-dewmien f'dan il-kuntest.

Sallum, l-intimati ma indikawx, u ma ntalbux jindikaw, lir-rikorrenti illi l-programm kien fi stat li jmur 'live' u dan minhabba agir attribwibbli biss lir-rikorrenti

Illi fid-dawl ta' dan kollu u kif jigi amplifikat waqt is-smigh, dejjem minghajr pregudizzju f'dan l-istadju ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, ma jistghux l-intimati jinzammu responsabbli ghal xi danni, li fi kwalunkwe kaz iridu jigu pprovati mir-rikorrenti kemm ghal dak li hu quantum kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-mod kif id-danni allegati gew irrekati mill-intimati lir-rikorrenti, peress illi:
i. kienu r-rikorrenti stess illi kienu kawza ta' dewmien fil-'commissioning' tas-software mertu tal-kawza, 'commissioning' li qatt ma jista' jitqies li sehh peress illi l-intimati qatt ma akkordaw mar-rikorrenti illi l-fazi ta' UAT kien spicca

ii. kienu r-rikorrenti stess illi ghazlu li jaghmlu uzu minn software li ma kienx lest biex jintuza

iii. kienu r-rikorrenti stess illi naqsu milli jzommu fis-sehh sistemi li bihom setghu jikkontrollaw l-operat ta' software li kien ghadu mhux certifikat li lest ghall-uzu 'stand alone'

iv. kienu r-rikorrenti stess illi ma gharfux l-anqas kif joperaw is-sistema anke fl-istat li kienet.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

John Rueben Buttigieg, direttur tas-socjeta attrici, xehed li kienu ghamlu ordni fil 31 ta' Jannar 2013 (Dok. RB1 fol. 476) ghas-sistema ta' billing u timesheets minghand is-socjeta konvenuta. Dawn kienu tawhom deadline meta kienu se jlesu x-xoghol (ara fol. 477) u qalulhom li diga kellhom programm li kien 'tried and tested' u li kellhom bzonn biss xi tibdiliet zghar. Is-socjeta konvenuta pero ma bdietx izomm mad-deadline (Dok. RB2 fol. 480) u f'Marzu 2014 is-sitwazzjoni bdiet tinkwetahom u saret laqgha fejn is-sur Micallef ammetta li kellhom problemi u li kienux qed illahqu (fol. 481). Minkejja li ghamel pagament kif mitlub minn Micallef, ma nbidel xejn anzi is-sitwazzjoni bdiet issir aktar difficili tant li anke nfurmawh bil-problema li beda jkollhom fil-billing billi l-invoices ma kienux qed jaqblu u kellhom jiccekkjaw kollox manwalment. Kien qabbad lil Stephanie Borg Barbara biex ticcekkja l-billing li kienu

qed jaghmlu u dina sabet li kien hemm diversi diskrepanzi fil-billing. F'Gunju 2015 iltaqghu ma' Fredrick Micallef fejn spjegawlu s-sitwazzjoni u kien qallhom li kien se jsolvi kollox. Fil-frattemp baqa' ifittex provider iehor u fil-fatt biddel il-programm. Il-kumpanija sofriet danni fl-ammont ta' €76,433.87 apparti €11,290.25 paga grossa totali ghal ingagg ta' Stepahnie Borg Barbara u €796.50 fees ta' Donald Tabone.

Alexia King xehdet li kienet giet imqabbda minn Reuben Buttigieg biex tiehu hsieb l-amministrazzjoni u l-billing tal-kumpanija attrici. Fis-sena 2012 huma kienu qed juzaw billing u timesheet software bl-isem 'Job Costing' fejn kull impjegat kien jimla timesheet bil-jobs li jkun hadem fuqhom matul il-gurnata. Din is-sistema kienet intiza biex tintuza minn kumpaniji zghar u b'limitu ta' 20 utent. Billi kienu lahqu l-limitu ta' utenti, huma bdew diskuzzjonijiet mas-socjeta konvenuta, li maghha diga kellha relazzjoni kummercjali u xtrat software iehor minghandha. L-ewwel kuntatt sar ma' Debbie Cortis u Vince Ciantar fejn iddiskutew x'kellhom bzonn, is-sistema li kienu qed juzaw u x'riedu izjed bhal: unlimited users, profitability report, rolling numbers tar-Request for Payment u l-invoice numbers jkunu differenti; li jkunu jistghu jesportaw l-invoices direttament mit-timesheets u attendance software ghas-Sage Accounting software minflok ma jaghmlu input manwalment. Vincent Ciantar kien ikkonfermalhom li dan seta jsir u nfurmahom li huma kellhom sistema bhala li setghu jimmodifikaw ghal bzonnijiet taghna. Dan gie konfermat anke minn Fredrick Micallef. Kienu ircevew l-ewwel quotation fl-14 ta' Novembru 2012 (3843-Dok. EBA1) u kienu talbu revizjoni taghha billi riedu jzidu xi affarijiet ohra. Fis-sitta ta' Dicembru 2012 ircevew quotation ohra (3843A-Dok. EBA2). Kien sar tnaqqis tas-systems analysis workshop u rcevew quotation ohra datata 8 ta' Jannar 2013 (3843B-Dok. EBA3). Fil 31 ta' Jannar 2013 kienu kkonfermaw li xtaqu jipprocedu. Huma kienu qablu fuq quote 3843B (fol. 93 et seq.) fejn il-programm kellu jkun lest bejn 8 sa 10 gimghat minn meta jikkonfermaw l-ordni. Huma kienu qed jistennew li l-programm jitlesta sal-14 ta' April 2013 (Dok. AK2). Fit-8 ta' Marzu 2013 sar l-ewwel analysis workshop u hija regghet spjegat x'kellhom bzonn u hadd ma kien qalulhom li xi haga ma setghetx issir kuntrarjament ghal dak li sostna Mark Cilia Vincenti wara (Dok. AK3). Fl-14 ta' Marzu 2013 kienu assikurati li kienu ser jinghataw priorita. (Dok. AC4 fol. 152). Fis-26 ta' April 2013 inghataw timesheet system project plan u bdew jitkellmu dwar l-1 ta' Lulju 2013 bhala data ghad-delivery tal-programm (Dok. AK5 fol. 154). Il-project plan

kien jindika car meta s-sistema kellha tigi tested u meta tmur live. Dan il-pjan kien gie mfassal minn Vince Ciantar. F'Gunju 2013 l-impjegati taghhom lahqu 28 u ghalhekk 8 minn nies ma setghux juzaw it-timesheet li kellhom. Lanqas ma setghet tuza din is-sistema Cecilia Theuma, l-accounts clerk li huma kienu qabbdu biex tahdem fuq is-sistema 'l gdida. Fis-27 ta' Gunju 2013 Vince Ciantar kien talabhom biex jistennew ftit gimghat ohra (Dok. AK6 fol. 159). Fl-Lulju 2013 it-testing rega gie pospost ghad-29 ta' Lulju (Dok. AK7 fol. 161). Huma bdew juzaw is-sistema u f'Ottubru, Buttigieg staqsihom ghaliex ma kienux ghadhom lesti u Ciantar kien assikurahom li s-sistema kienet f'postha u qed tahdem apparti xi enhancements (Dok. AK 8 fol. 165 et seq.). Hi pero giet mitluba taghmel lista tal-affarijiet bazici li kien ghad mhux qed jahdmu imma Cianatar insista li s-sistema kienet qed tahdem to the full. (Dok. AK9 fol. 171). F'Dicembru 2013 Ciantar kien infurmahom li kien ser jitlaq mill-kumpanija intimata f'Jannar 2014. Kienu rcevew fattura ghal pagament li pero' giet kontestata billi l-programm ma kienx ghadu nghatalhom komplut (Dok. AK11 fol. 183). Wara dana hija ma baqghetx issegwi il-progett.

Cecilia Theuma xehdet li bdiet tahdem part time mas-socjeta attrici f'Mejju 2013 bhala accounts clerk tiehu hsieb il-billing system. Hi hadet over minghand Alexia King. Billi l-kumpanija bdiet tikber u bdew jizdiedu n-numru ta' impjegati inhasset il-htiega li tinbidel is-sistema. Meta hija hadet over, kienu diga saru l-arrangamenti mal-kumpanija konvenuta ghat-tifsil tas-sistema u miftiehma d-data tat-tlestija taghha cioe April 2013. Hija kien bdiet l-impieg taghha billi tghallmet thaddem is-sistema l-antika taghhom il-Job Costing billi s-sistema l-gdida ma kinitx ghadha lesta. Meta bdiet tahdem fuq is-sistema l-gdida fil-bidu kellha bzonn xi assistenza u xtaqet li jsiru xi tibdiliet zghar (Dok. CT1 fol. 245), Xi ftit minn dawn ma setghux isiru (Dok. CT2) ohrajn gew solvuti (Dok. CT3). Ddew jidhru diversi 'Errors' (Dok. CT4). Dawn il-problemi bdew jikkawzaw dewmien kbir. Kienu saru xi updates imma tfaccaw problemi ohra (Dok. CT5) bhal meta s-sistema ma kinitx thalliha iddahhal impjegati godda. Inoltre dettalji ta' request for payment mis-sistema antika bdew jinbidlu. Minhabba f'hekk kellha toqghod ticcekkja kollox u dan ziedilha l-workload konsiderevolment. Ma kinitx saret l-amalgamazzjoni ta' dina s-sistema mal-programme tas-Sage u l-input kellu jsir manwalment b'telf ta' hin. Dahlilha suspett li kien qed ikun hemm underbilling ghalhekk kellmet lis-Sur Buttigieg li talabha biex

tivverifika u hija harget rapport minn fuq is-sistema taghha (Dok. CT7 fol. 267) u baghtitu lill-Vincent Ciantar. Ir-rapport minghand Ciantar dam ma gie u f'Dicembru Ciantar infurmaha li kien ser jispicca minn mal-kumpanija konvenuta. Dak iz-zmien kienet ghaddiet korrispondenza shiha dwar dawn il-problemi bejn il-partijiet (Dok. CT8 fol. 270) fejn in-naha l-ohra kienet qed tghid li s-sistema kienet in place u li xi features fis-sistema kienu ghadhom ma gewx implimentati billi kienu on hold minn naha tas-socjeta attrici pero minn naha taghna ma kellna xejn on hold. Fi Frar 2014 Kristen Spiteri kien ghadu qed jistenna l-updates necessarji (Dok. CT9 fol. 278). Minflok Ciantar kien dahal Mark Cilia Vincenti u dan kien baghtilhom ir-rapport li huma kienu qed jistennew (Dok. CT10 u 11 fol. 280) Fir-rapport kienet innutat li ma kienx hemm informazzjoni korretta dwar ir-rati. Sa dak iz-zmien kienu qed jistennew l-add-ons u l-programm kompla jaghti aktar errors (Dok. CT12 u CT13 fol. 283) Billi l-intercompanies ma kienux qed jigu billed dan ikkawzahom stragi shiha. Huma ma kienux accettaw li jkun hemm open remote connection mal-website taghhom imma riedu li l-updates isiru mill-ufficini tas-socjeta rikorrenti (Dok. CT19 fol. 289; 304) Is-sistema bdiet taghti aktar problemi (Dok. CT20 fol. 305) fejn xoghol li kien sar u ma kienx deher fuq it-timesheet ta' dina l-persuna u ghalhekk ma invoicjawx ghalih. Problema ohra kienet li xi impjegati minn taghhom ma setghux jaccessaw it-timesheet mid-dar. (Dok. CT14 fol. 286). Kienu qabbdu lil Stephanie Borg Barbara biex tistharreg dwar l-inkonsistenzi li kienet qed issib u d-danni kkawzati minn din is-sistema. Din irrizultalha li kien hemm xi kljenti li ma kienux gew invoiced tax-xoghol kollu li kienu ghamlulhom.

Tracy Borg xehdet li hi tahdem bhala accounts manager fuq software tal-pagi WASP li xtrawh minghand is-socjeta konvenuta. Hi u Alexia King kienu ddiskutew mas-socjeta konvenuta l-bzonnijiet taghhom ghas-sistema gdida li kienu se jixtru. Meta is-socjeta konvenuta tawha l-programm biex tuzah sabu li s-sistema ma kinitx qed tahdem sew u l-billing ma kinex qed isir kif suppost. Kienu qabbdu lil Stephanie Borg Barbara biex taghmel ezercizzju u ticcekkja li dak li jidhol fit-timesheets qed jigi billed kif suppost u bir-rati tajba. Din sabet li kien hemm diskrepanzi bejn it-timesheets u l-billing software fejn ammonti sostanzjali ta' sighat mahduma li ma kienux qed jidhru fil-billing biex johorgu invoice. Kien qed ikollhom problema anke fis-sistema tal-WASP.

Stephanie Borg Barbara xehdet li bdiet tahdem partime mas-socjeta attrici f'April 2014 biex ticcekkja is-sistema ta' billing u timesheet li l-kumpanija kienet qeda tadotta. Huma kellhom zewg sistemi, wahda KYC ghal billing (li xtraw minghand is-socjeta konvenuta) u l-ohra tat-Timesheets. Hi giet inkarigata biex tara jekk l-informazzjoni li tidher fuq is-sistemi kinitx korretta. Il-process li uzat jidher fl-Appendici Dok. SBB1 (fol. 448). Irrizultalha li s-sistema tat-Timesheets kellha fiha informazzjoni li ma kienux jidhru fis-sistema KYC. Hi qabblet dawn is-sistemi ghas-snin 2013, 2014 u 2015. Ezibit USB a fol. 444 fejn hemm indikat li meta l-informazzjoni kienet taqbel hi nizzlet 'true' meta ma taqbilx nizzlet 'false'. Hi kienet infurmat lis-Sur Buttigieg b'dawn id-diskrepanzi. Saret laqgha fit-22 ta' Gunju 2015 bejn is-Sur Buttigieg u s-sur Micallef, u hija kienet prezenti. Hi nfurmat lis-sur Micallef bid-diskrepanzi (ara Dok. SBB2 fol. 468) u baghtet id-dettalji kollha lis-Sur Micallef (Dok. SBB3 fol. 469). Kienet ghaddiet ukoll korrispondenza bejnithom (Dok. SBB4 u 5 fol. 470) Is-Sur Micallef kien talabhom ighidulu x'riedu aktar mis-sistema (Dok. SBB6 fol. 472). Hu kien qalilhom li kien hemm a misalignment between what you require and how we designed the system. Ghalihom dan kien ifisser lis-socjeta konvenuta ma kinitx ipproduciet dak li riedu huma. Tghid li kien hemm 3922.66 Unbilled hours u Unbilled amount ta' €76,433.87.

Donald Tabone, xehed li hu jahdem ma' KMPG bhala awditur fil-qasam tal-IT Advisory. Hu ghamel system audit b'mod oggettiv minn lati differenti tas-sistema li xtrat is-socjeta attrici (ara rapport Dok. EBA21 a fol. 46 sa 60). A fol. 53 hemm il-konkluzzjonijiet tieghu. Is-socjeta konvenuta hi l-esperta fil-qasam tas-software u ghandhom hafna esperjenza f'dak li ghandu x'jaqsam ma' software development. Huma suppost jiggwidaw lill-kljenti f'dak li ghandu x'jaqsam mal-user acceptance testing. Meta jitlesta l-prodott dan imur ghand il-kljent halli jkun jaf kif jiffunzjona. F'dan il-kaz jirrizulta mid-dokumenti li dan it-testing sar fuq perjodu ta' kwazi tlett snin li hu perjodu twil hafna. Ir-requirements tal-kljent ma kienux gew articulated. Hu ra l-kuntratt a fol. 16 u ma sabx l-specifications ta' x'suppost kellu jaghmel is-software fid-dettal. Normalment dan isir permezz ta' business requirement document apparti mill-kuntratt. Is-socjeta attrici suppost ghamlet dan id-dokument ghax huma jafu l-business taghhom x'kellu bzonn. Hu l-kljent li jaghmel dan id-dokument. Ma kienx

hemm information security tant li l-website taghhom kienet accessibili minn barra u minghajr security certificate. Lanqas ma sar test system. Is-socjeta konvenuta tathom prodott still in production u ghamlu l-fixes fuqu u jekk kien hemm errors fis-sistema dawn kienu jaffettwaw id-data reali. It-testing sar fuq il-live system iktar milli fuq it-test system. Skond il-good practice irid ikollok at least two running systems. Is-socjeta konvenuta lestiet il-prodott u halliet lis-socjeta attrici tahdem bih, imbaghad jekk ikun hemm problemi, jirrangawlhom. Is-socjeta konvenuta kienet dejjem lesta li tirranga, izda fil-kors ta’ kwazi tlett snin, graw numru ta’ affarijiet, bhal tbiddlu n-nies, u gara li gara. Kieku uzaw it-test system, dawn l-affarijiet kienu jigru fuq it-test system u mhux fuq is-sistema li kienu qed juzaw. Qabel ma’ t-test system kien 100% ma setghax jintuza specjalment fil-kaz ta’ financial packages.

Frederick Micallef xehed li ilu managing director tas-socjeta konvenuta mit-2007 u direttur mill-1986 meta giet iffurmata l-kumpanija. Lil Ruben Buttigieg ilu jafu bhala kljent taghhom. Dan kien qallu li kellu problema bit-timesheets u billi huma kienu zviluppaw sistema simili ghalihom staqsih jekk seta jaraha. Huma ma kienux ibieghu dan it-tip ta‘ sistema. Dan kien fil-2012. Buttigieg kien deher imhajjar imma kien qallu li se jkollu bzonn kambjamenti fis-sistema billi l-operat tieghu bhala awditur kien differenti minn ta’ software company. Is-Sur Buttigieg kien stabbilit fis-suq ghal bosta snin bhala awditur.  Lejn Novembru 2012 kienu hargulu quotation imbaghad dina giet aggustata ghax saru diversi kambjamenti. Fi Frar 2013 is-socjeta attrici kkonfermat l-ahhar versjoni li riedet u qalulhom li, bejn wiehed u iehor, fi zmien ghaxar gimghat (bejn April u Mejju 2013) kienu jtuhom l-ewwel verzjoni li tixbah dak li talbuhom u jkunu jistghu jittestjawha biex jaraw jekk kinitx dik li talbu jew le. It-tibdil li talbuhom hadilhom aktar zmien minn mistenni u l-ewwel verzjoni harget fl-1 ta’ Lulju 2013. Is-socjeta attrici tathom PC li ma kienx idoneju pero kien bizzejjed ghat-testing.  F’dan il-perjodu beda l-user acceptance testing fuq PC/Server. Saru interventi fuq is-software u l-kljent kellu jara jekk kienx adattat ghal dak li ried. F’Novembru talbu aktar modifiki ohra u kien hemm snags x’jittrangaw. Is-Sur Buttigieg ma kienx involva ruhu hafna f’dan il-progett u ddelega hafna. Huma baqghu fit-testing phase ghaliex il-process tal-go live ma waslux ghalih qatt billi komplew bil-aggustamenti. Sadanittant s-socjeta attrici baqghet topera bis-sistemi li kellha. Dan it-testing ma spicca qatt. Fil-2014 il-persuna minn naha taghhom responsabbili mill-progett ma baqax jahdem

maghhom u dan holoq ftit disruption. Gie appuntat persuna ohra u ghalhekk kien hemm xi ftit dewmien fit-testing, imma l-progett baqa' ghaddej. F'Awwissu 2013 kienu hargulhom kont u talbuhom biex jaghmlu depozitu. Sar depozitu imma billi l-process ma kienx spicca qatt il-kumplament tal-pagamenti ma sarux. Ighid li s-socjeta attrici ma tistax titlob danni billi t-testing ghadu ghaddej. Is-Sur Buttigieg kien ilmenta dwar id-dewmien u li ma jistax ikun li dan it-testing jibqa' sejjer ghal dejjem. Hu kellu caqlieq tal-haddiema u dana kkawza dewmien. Is-socjeta attrici qatt ma tathom data li fiha kienu sejrin live. Meta t-testing jispicca huma jaghmlu upgrading tas-server biex ikunu jistghu joperawh b'mod kummercjali.

**Fatti**

Illi l-fatti ewlenin li johorgu mill-atti juru li s-socjeta attrici riedet tixtri sistema ta' timesheet u billing minghand is-socjeta konvenuta u kienet qablet fuq quotation 3843B fejn il-programm kellu jkun lest bejn 8 sa 10 gimghat minn meta jikkonfermaw l-ordni. Fil-bidu ta' Marzu 2013 ikkonfermaw l-ordni u kienu qed nistennew li l-programm jitlesta sal 14 ta' April 2013. Kien hemm dewmien min-naha tal-s-socjeta konvenuta li qalet lis-socjeta attrici li s-software kellu jinghata lilhom fl-Lulju 2013 kwazi xahar wara d-data miftiehma. Is-software gie stallat fuq server fil-post tas-socjeta attrici. Fil-bidu ta' Novembru 2013 is-socjeta attrici kienet qed tilmenta li s-software ma kienx ghadu komplut u kien hemm xi affarijiet li kellhom jittrangaw. Is-socjeta konvenuta ghamlet it-tibdil mitlub fuq is-sistema imma nonostante dawn il-korrezzjonijiet is-software baqa ma jahdimx kif suppost. Is-socjeta attrici tat lista lis-socjeta konvenuta ta' affarijiet li kien jonqos. F'nofs Jannar 2014 Vincent Ciantar li kien qed jiehu hsieb il-progett telaq minn mal-kumpanija konvenuta u dahal minfloku Mark Cilia Vincenti. Fi Frar 2014 Ceclia Theuma hadet over minn Alexia King li kienet qed tiehu hsieb il-progett minn naha tas-socjeta attrici. Fl-ahhar ta' Marzu 2014 is-software kien ghadu mhux jiffunzjona sew u kienu qed jittellghu 'Errors' fis-software. F'Ottubru 2014 Mark Cilia Vincenti kien accetta li l-ewwel fazi ma kinitx ghada lesta u s-socjeta attrici kienu qed jindikaw li kellhom kwistjoni dwar billing. Dawn il-problemi komplew fis-sena 2015 fejn gew indikati diffikultajiet fir-remote access; fil-billing tal-intercompanies u bilanci zbaljati nonostante li kienu saru diversi arrangementi da parti tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici qabbdet lil Stephanie Borg Barbara biex taghmel ezercizzju biex ticcekkja is-sistema ta' billing u timesheet

u din sabet li kien hemm underbilling fl-ammount ta' €76,379. F'Awwissu 2016 is-socjeta attrici qabbdet lil Donald Tabone biex jaghmel functionality system audit tas-software biex jara jekk s-software kienx qed jahdem skont l-ispecifications li nghatawlu u sab li kien hemm nuqqasijiet fis-software u l-mod kif il-programm gie stallat.

Is-socjeta attrici talbet ghalhekk f'dina l-kawza dikjarazzjoni li l-kumpanija konvenuta naqset milli tezegwixxi l-obbligi kontrattwali taghha skond l-arti u s-sengha ai termini ta' dak pattwit bejn il-partijiet u biex tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici.

**Eccezzjoni preliminari**

**Preskrizzjoni**

Is-socjeta konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-art. 2154 tal-Kap. 16 billi l-allegati danni sofferti mis-socjeta attrici sehhew aktar minn sentejn qabel.

Illi l-artikolu imsemmi fl-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta (art 2154 Kap. 16) jirrigwarda azzjoni ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, li mhux il-kaz f'dina l-kawza billi ma gie kommess ebda reat.

Kif esprimiet ruhha il-Qorti Civili Prim Awla fis-sentenza fl-ismijiet **Ronald Naudi vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd**., deciza fis-26 ta' Gunju 2003:

> Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta gie osservat li r-referenza ghall-artikolu 2154 hu lapsus u l-indikazzjoni tat-terminu ta' sentejn fl-eccezzjoni huwa ghat-terminu preskrittiv li jinsab fl-artikolu 2153 Kap. 16.

Ghal kull bon fini l-Qorti tirrileva li Frederick Micallef ghas-socjeta konvenuta xehed li s-socjeta attrici ma tistax titlob danni billi t-testing ghadu ghaddej u ghalhekk huma ma ghandhom ebda bazi biex jaghmlu claim kontra l-kumpanija tieghu. Izda kif qalet

il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Guido J. Vella vs Dr Emanuel Cefai** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, "minn dejjem gie sostnut illi hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dik tal-inezistenza tal-kreditu" (Volum XXX.i. 964) kif qed issostni s-socjeta konvenuta.

Inoltre jigi rilevat li la darba s-socjeta konvenuta qed issostni li s-software ma kienx ghadu gie si*gned off* u kkonsenjat shih, allura t-terminu preskrittiv ma kienx ghadu beda jiddekorri.
Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Konsiderazzjonijiet ta' din l-Qorti**
Is-socjeta attrici qed tilmenta kemm (i) ghar-rigward tad-dewmien esagerat innifsu fl-implimentazzjoni tal-progett (ii) kif ukoll ghax is-socjeta konvenuta naqset milli tipprovdi dak li gie miftiehem skond l-ispecifikazzjonijiet pattwiti u skond l-arti u s-sengha.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li din il-kawza mhijiex talba ghad-danni minhabba dewmien fit-twettieq tal-kuntratt izda specifikatament wahda dwar danni kkawzati minhabba nuqqasijiet fil-prodott supplit.

Fil-fatt fir-rikors promutur taghhom is-socjeta attrici talbet biex din il-Qorti tiddikjara illi s-socjeta konvenuta naqset milli tezegwixxi l-obbligi taghha skond l-ispecifikazzjonijiet pattwiti u skond l-arti u s-sengha. Ghalhekk talbet danni fis-somma ta' €76,379.00 konsistenti f'telf minhabba zbalji fis-sistema billi sabu li kien hemm diskrepanzi bejn it-timesheets u l-billing software u ammonti sostanzjali ta' sighat mahduma ma kienux qed jidhru fil-billing. Is-socjeta attrici talbet ukoll €11,290.25 paga grossa totali ghal ingagg ta' Stepahnie Borg Barbara biex ticcekkja l-billing u €796.50 fees tar-rapport ta' Donald Tabone mqabbad minnhom biex ghamel audit tas-sistema. L-ebda wahda minn dawn l-ammonti ma tirrigwarda danni minhabba dewmien. Dawn l-ammonti ma jirrapprezentawx loss of profit minhabba dewmien imma danni minhabba nuqqasijiet fis-sistema pprovvduta.

Huwa minnu li s-socjeta attrici ressqet provi dwar dewmien fl-implimentazzjoni tal-progett, izda mill-provi jirrizulta li dana d-dewmien kien dovut min-naha taz-zewg partijiet. Donald Tabone, li gie imqabbad mir-rikorrenti biex jezamina s-sistema, xehed li hu rah il-kuntratt u ma sabx l-specifications ta' x'suppost kellu jaghmel is-software fid-dettal. Ighid li normalment dan isir permezz ta' business requirement document apparti mill-kuntratt. F'dan il-kaz is-socjeta attrici suppost ghamlet dan id-dokument ghax huma kienu jafu l-business taghhom x'kellhom bzonn. Dan ta lok ghal sitwazzjoni fejn s-socjeta attrici talbet diversi aggustamenti fis-software biex jigi addattat ghal bzonnijiet taghhom, u diversi minn dawn l-aggustamenti kienu sostanzjali u hadu z-zmien. Dan wassal ukoll biex it-testing period jitwal hafna. Min-naha l-ohra s-socjeta konvenuta tammetti li min-naha taghha kien hemm xi dewmien kemm ghax kienu moghbbijin bix-xoghol kif ukoll ghax kien telaq minn maghhom il-persuna li kien inkarigat minn dana l-progett. Fredrick Micallef xehed li d-dati ma nzammewx minnhom "due to some unpredictable and uncontrollable circumstances; we (were) faced with an overload of projects, which unfortunately have been delaying our progress" (ara Dok. EBA6 a fol. 22). Inoltre meta diga kien hemm dewmien ta' sitt xhur mit-timeline miftiehem, is-socjeta attrici giet avzata li Vincent Ciantar, li kien inkarigat mill-progett, kien se ittermina l-impjieg minn maghhom u skond Fredrick Micallef dan holoq ftit disruption u ghalkemm gie appuntat persuna ohra minfloku, kien hemm xi ftit dewmien fit-testing, imma l-progett l-istess baqa' ghaddej.

Il-project plan kien jindika meta s-sistema kellha tigi tested u meta kellha tmur live. Skond Dok. EBA5 a fol. 21 is-system installation – User Testing - kellu jibda f'Mejju 2013 u kellhom imorru live f'Lulju 2013. Jirrizulta mill-provi, u anke ammess mis-socjeta konvenuta, li dawn id-dati ma nzammewx minnhom. Waqt it-testing tas-software zviluppaw nuqqasijiet u kien hemm bzonn ta' aggustamenti li s-socjeta konvenuta irrangat. Donald Talbone jghid li dawn kienu "Multiple business interruptions due to random software crashes / misconfigurations and a seemingly never-ending cycle of User Acceptance Testing that lasted 3 years". (Ara rapport ta' Donald Tabone fol. 5:21 et seq.).

Is-socjeta konvenuta issostni li hi baqghet fit-testing phase u l-process tal-go live ma waslu ghalih qatt ghax is-socjeta attrici kompliet titlob aggustamenti. Is-socjeta attrici qatt ma tathom data li fiha kienu sejrin live u jsir is-sign off, ghalhekk is-socjeta attrici ma tistax titlob danni la darba l-prodott ma kienx ghadu lest.

Is-socjeta attrici tghid li s-socjeta konvenuta naqset milli tipprovdi dak li gie miftiehem skond l-ispecifikazzjonijiet pattwiti u skond l-arti u s-sengha u minhabba f'hekk hija kkonstatat numru ta' inkonsistenzi u zbalji relattivi ghall-kalkolu tal-ammonti indikati fil-fatturi iggenerati bl-uzu tas-sistema in kwistjoni, liema nuqqasijiet sarrfu f'komputazzjonijiet zbaljati u fil-hrug ta' fatturi kontenenti ammonti li kienu inqas minn dawk attwalment dovuti lilha jew fatturi li lanqas gew billed (ara xhieda u ezercizzju maghmlu minn Stephanie Borg Barbara).

Illi Donald Tabone, li ghamel is-system audit tas-software, sab li r-requirements tal-kljent ma kienux gew articulated u osserva li fil-kuntratt huwa ma sabx l-specifications da parti tal-atturi u ta' x'suppost kellu jaghmel is-software fid-dettal. Dan ma kienx software off the shelf imma kellu jigi addattat ghal bzonnijiet tas-socjeta attrici ghalhekk kien hemm bzonn ta' aggustamenti li marru oltre t-terminu miftiehem ghal user acceptance testing u l-going live. L-aggustamenti li kienu qed jitolbu l-atturi ma kienux enhancements minuri imma kienu tibdil li riedu z-zmien u s-sengha. Skont Donald Tabone t-testing sar fuq live system iktar milli fuq test systems paralleli. Il-prodott kien ghadu in production u s-socjeta konvenuta ghamlet il-fixes fuq live system li setghet teffettwa d-data reali. Kieku ntuza it-test system, it-tibdil kien isir fuq it-test system u mhux fuq is-sistema live. Qabel ma' t-test system kienet 100% finalizzata s-software ma setghax jintuza, u dan specjalment fil-kaz ta' financial packages.

Is-socjeta konvenuta issostni li hi ma tistax tinzamm responsabbli ghad-danni mitluba billi s-sistema ma kinitx ghadha *signed off*, u fi kwalunkwe kaz dawn id-danni jridu jigu pprovati mis-socjeta attrici kemm ghal dak li huwa quantum kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-mod kif id-danni gew komputati.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta attrici wzat, b'ghazla taghha, software biex harget kontijiet li ma kienx ghadu finalizzat u certifikat li jista' jintuza bhala 'stand alone'. La darba s-socjeta attrici kienet taf li huma kienu qed juzaw sistema li ma kinitx ghadha kkollawdata u ccertifikata imma kienet ghadha qed tigi testjata, huma kellhom jivverifikaw li dak li kienu qed johorgu mis-sistema, f'dak l-istadju, kien korrett anke jekk hemm bzonn manwalment, kif effettivament ghamlu wara meta qabbdu lil Stephanie Borg Barbara u kkomparat it-timesheets mal-KYC. Huma kellhom jassikuraw li l-informazzjoni li kellhom f'idejhom kienet taqbel ma dak li kien qed johrog is-software.

Fil-fehma tal-Qorti s-socjeta konvenuta ma ghandhiex tigi kkunsidrata bhala responsabbili ghat-telf allegat mis-socjeta attrici billi s-sistema ma kinitx ghadha giet ikkonsenjata fi stat shih u lesta tali mod li tista tithaddem ghal rasha. La s-sistema ma kinitx ghada signed off, is-socjeta konvenuta ma setghatx tidhol responsabbili ghal prodott mhux finalizzat.

Fil-fehma tal-Qorti lanqas ma gie spjegat sodisfacentement kif s-socjeta attrici waslet ghal figura globali indikata minnhom dovuta ghas snin 2013, 2014 u 2015 fl-ammont ta' € 76,379.00. Mhux kull fattura li allegatament harget hazin jew mod iehor bil-fors kienet taghti lok ghal danni fl-ammont li ghazlu li jaghtuha.

Inoltre jigi rilevat li kif is-socjeta attrici rkuprat certi ammonti, hi setghet irkuprat ammonti ohra la darba huma kellhom manwalment l-informazzjoni kollha dwar minn kien debitur lejhom. Ma kienx hemm raguni ghaliex huma ma ghamlux sforz biex jirikavaw l-ammonti l-ohra li qed titlob bhala danni meta huma kienu jafu bihom kif jirrizulta mit-talba taghhom ghad-danni li huma ghamlu f'dina l-kawza.

Kwantu ghal zewg l-ammonti l-ohra mitluba cioe, €11,290.25 paga grossa totali ghal ingagg tal-istess Stepahnie Borg Barbara u €796.50 fees ghar-rapport ta' Donald Tabone, il-Qorti hi tal-fehma li dawn ukoll mhux dovuti billi s-socjeta konvenuta ma kinitx ghadha assumiet ir-responsibbilita ghas-sistema li kienet ghadha qed tigi nstallata u ma kinitx finalizzata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tas-socjeta attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur